Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

MALTA

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell numru 24/2015**

## Antoinette El Ichati

## Vs

## Direttorat ghal Servizzi Edukattivi li b'digriet tal-5 ta' Mejju 2016 dan gie sostitwi bil-kliem 'direttur Generali fil-Ministeru tal-Edukazzjoni' u li l-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data gie inkluz.

Illum 15 ta' Dicembru 2016

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax . (MIT)
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra r-rikors tal-appell tal-appellanti Antoinette El Ichati li sar kontra d-Direttorat ghal Servizzi Edukattivi li permezz taghha talbet li d-decizjoni tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tal-24 ta' Settembru 2015 li permezz taghha laqa' parzjalment it-talba taghha u ordna li tinghata kopja tal-petizzjoni izda minghajr id-dettalji li jidentifikaw il-genituri li ffirmawha, tigi revokata u d-Direttorat ghal Servizzi Edukattivi jigi ordnat jifforna l-petizzjoni in toto cioe b'tali mod li jigu identifikati l-genituri li ffirmawha u dan that dawk il-provvediment li jidirlu xierqa u opportuni.

Ra r-risposta tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tal-20 ta' Novembru 2015 li permezz taghha huwa spjega li d-decizjoni tieghu hija bbazata fuq il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Att fost ohrajn.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu saret korrezzjoni fl-okkju fis-sens li zdied il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fl-okkju u minflok il-kliem 'Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi ' jidhlu l-kliem Direttur Generali fil-Ministeru tal-Edukazzjoni. Illi dan sar stante li l-Kummissarju ghalkemm ma kienx parti, xorta pprezenta r-risposta tieghu u ma kienx qajjem ebda eccezzjoni fir-rigward.

Ra li d-Direttur Generali fil-Ministeru tal-Edukazzjoni ma pprezenta ebda risposta.

Ra x-xhieda kollha prodotti mil-partijiet u d-dokumenti esebiti.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet inkluzi dawk tad-Direttur Generali fil-Ministeru tal-Edukazzjoni.

**Ikkonsidra**

L-appellanti kienet ingaggata mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bhala *supply teacher* a bazi ta' kuntratt definit u li wara li skada tali kuntratt fil-31 ta' Awissu 2014, dan ma giex imgedded. Irrizulta wkoll li qabel ma skada dahlu ilmenti minn xi genituri kif ukoll mill-Ufficjali Edukattivi u anke mil-Kap tal-iskola. Wara l-appellanti inghatat kuntratt ta' xoghol iehor fl-istess dipartiment. Irrizulta wkoll li wara l-ilment taghha mal-Kummissarju, hija saret taf f'hiex kien jikkonsistu l-ilmenti tal-genituri izda mhux l-ismijiet ta' dawn il-genituri u ghalhekk intavolat dan l-appell ghax skond hi ghandha dritt tkun taf min kienu l-genituri li ghamlu l-ilment dwarha.

Illi l-interess taghha kif jemani mill-appell taghha stess huwa sabiex hija tkun tista' tipprocedi kontra taghhom ai termini tal-artikolu 252 tal-Kodici Civili.

Mhux kompitu ta' dan it-Tribunal li jittratta litigazzjonijiet ta' natura lavorattiva bejn id-dipartiment tal-edukazzjoni u l-appellanti izda xoghlu huwa biss jara jekk l-appellanti

ghandhiex dritt ai termini tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta tkun taf l-identita tal-genituri li ghamlu l-ilmenti dwarha.

Li mill-provi jirrizulta li l-appellanti kienet fuq kuntratt definit mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li hadmitu kollu sakemm skada fil-31 ta' Awissu 2014 u dan bhala ghalliema *supply*. Li l-istess Dipartiment ma kienx obligat jidhol f'kuntratt gdid mal-appellanti anke kieku ma rcevewx dan l-ilment u ma kellhomx ilmenti anke mill-Ufficjali Edukattivi u mill-Kap tal-Iskola.

Illi l-appellanti meta bdiet l-ilment taghha mal-Kummissarju appellat, inghatat kopja tal-ittra li turi l-ilmenti minghajr l-identita tal-genituri minghand l-istess Kummissarju.

Illi anke Ufficjali Edukativi u l-Kap tal-Iskola kienu ghamlu ilmenti simili mad-Dipartiment u ghalhekk ma jistax jinghad li dawn il-genituri kienu l-kawza li minhabba fiha l-appellanti ma inghatatx kuntratt gdid ta' *supply teacher*. Anzi mill-provi jirrizulta li d-dipartiment ma kienx obligat li jerga jidhol f'kuntratt gdid ta' xoghol ghal supply teacher mal-appellanti u minn imkien ma jirrizulta li tali kuntratt gdid ma sarx minhabba l-ilment ta' dawn il-genituri.

Illi inoltre l-artikolu 9 tal-Kap 440 jistipula meta ghandha tinghata d-data personali lil terzi persuna u l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija fl-istess artikolu ma jaghti ragun lill-appellanti. Tant li anke l-artikolu 9(f) li jistipola li ghandha tinghata d-data personali lil terzi pensuni f'kaz biss ta' interess legittimu u r-raguni li tat l-appellanti biex tibda proceduri dwar malafama meta gie stabilit li d-Dipartiment ma kienx marbut igedded il-kuntratt li kellha l-appellanti, u meta hija hadmet l-kuntratt kollu, u meta baqghet tahdem fl-istess dipartiment, u meta l-ufficjali edukattivi u l-kap tal-iskola rrapurtaw l-istess ilmenti bhal dawn tal-genituri, ma jistghax jinghad ghalhekk li l-appellanti ghandha raguni legittima biex tkun taf min huma dawn il-genituri.

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tall-appellanti.**

Dr Anna Mallia
Chairperson

Mr Charles Cassar
Membru

Mr David Bezzina
Membru

MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES
Barriera Wharf, Valletta, VLT 2000. TEL. NO. 20908311
**THE INFORMATION AND DATA PROTECTION APPEALS TRIBUNAL**
Email: bryony.bartolo@gov.mt